*Maltese*

29 ta' Lulju 2009

**L-Istaġuni tal-Kaċċa u l-Insib fil-Ħarifa/Xitwa**

Għall-aħħar tal-ġimgħa l-oħra l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ġiet infurmata b'dokumenti maħruġa minn Dipartiment li jaqa' taħt l-Uffiċju tal-Prim Ministru, liema dokumenti, fost affarijiet oħra, setgħu jagħu wieħed x'jifhem li l-Gvern ma kellu ebda ntenzjoni li jiftaħ staġun għall-insib għall-għasafar tal-għana minn Ottubru li ġej kif kienet qeda titlob l-istess FKNK u kif kien wiegħed hu stess.

Għaldaqstant, abbażi ta' dawn id-dokumenti, il-laqgħa tal-Kumitat Ornis skedatta għal bieraħ kienet mingħajr bażi u b'hekk, ir-rappreżentanti ta' l-FKNK avżaw liċ-Chairman tal-Kumitat li huma ma kienux ser jieħdu parti fil-Laqgħa li kellha tinżamm l-bieraħ biex jiġu deċiżi r-rakkommandazzjonijiet dwar l-istaġjuni lill-Gvern.

Il-fatt li l-Kumitat waqt il-Laqgħa jidher li lanqas biss fetaħ xi diskussjoni dwar l-insib għall-għasafar tal-għana u li l-laqgħa li jmiss intefgħet għall-4 t'Ottubru, ikompli jagħti raġun għalfejn l-FKNK ma kelliex tipparteċipa fil-Laqgħa ta' lbieraħ.

Sadanitant l-FKNK diġa kitbet lill-Prim Ministru u għanda laqgħa mal-Kap tal-Oppożizzjoni fil-jiem li ġejjin rigward ukoll l-insib għall-għasafar tal-għana peress li l-FKNK taf li tali insib issir ukoll f'pajjiżi oħra membri tal-UE u għaldaqstant in-nassaba Maltin m'għandhomx jiġu ttratati bħala ċittadini Ewropej tat-tieni klassi, u peress ukoll li l-FKNK ser tibqa' tagħmel minn kollox possibli biex din in-namra, din il-passjoni, parti integrali mill-ħajja tan-nassab Malti, din it-tradizzjoni socjo-kulturali Maltija li tmur lura eluf ta' snin, ma tintilifx mill-gżejjer Maltin.

Qabel il-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Ornis Malta, l-FKNK kienet s-suġġerit is-segwenti staġuni għall-kaċċa u l-insib tal-ħarifa/xitwa:

Kaċċa mill-art għat-32 speċi kaċċabli mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar u li dan l-istaġun jiġi fiss fil-Liġi bħal pajjiżi oħra u mhux kull sena jibqa' sottomess għar-rakkomendazzjoni. Dan anki kif titlob l-istess Direttiva 79/409/EEC (ta' l-Għasafar)

Kaċċa minn fuq il-baħar għat-12 il-speċi ta' papri u wiżż mill-1 t'Ottubru sa l-aħħar ta' Frar.

Insib għall-gamiem u s-summien mill-1 ta' Settembru sal-31 t'Ottubru.

Insib għall-pluvieri, vennew, imlivezz, malvizzuni tal-qtajja, imlivezz suwed, imlivezz ħomor, imlivezz imperjali u alwett mill-10 t'Ottubru sal-31 ta' Jannar.

Insib għas-7 speċi tal-għana mill-1 t'Ottubru sal-31 ta' Jannar.

Minn informazzjoni li għanda l-FKNK, waqt il-laqgħa ta' lbieraħ tal-Kumitat Ornis ġie deċiz li jsiru dawn ir-rakkommandazzjonijiet lill-Prim Ministru:

Kaċċa mill-art għat-32 speċi kaċċabli apparti l-gamiema u s-summiena,  mill-1 ta’ Settembru sal-31 ta’ Jannar, bil-kundizzjoni li jiġi rrakkomandat ukoll lill-gvern li dan għandu jitlob parir mingħand il-pulizija jekk matul l-aħħar ħmistax ta’ Settembru dan l-istaġun għandux jingħalaq minn wara t-tlieta ta’ wara nofsinhar, kif irridu l-BirdLife Malta.

Kaċċa mill-art għall-gamiem u s-summien mill-1 ta’ Settembru sal-31 t’Ottubru, ukoll bil-kundizzjoni tal-għeluq f’Settembru kif spjegat qabel.

Kaċċa minn fuq il-baħar għat-12 il-speċi ta’ papri u wiżż mill-1 t’Ottubru sal-31 ta’ Jannar.

Insib għall-gamiem u s-summien mill-1 ta’ Settembru sal-31 t’Ottubru bil-kundizzjoni li l-gvern japplika deroga mid-Direttiva tal-Għasafar.

Insib għall-pluvieri u imlivezz mill-10 t’Ottubru sal-10 ta’ Jannar bil-kundizzjoni li l-gvern japplika deroga mid-Direttiva tal-Għasafar.

Dwar l-insib għas-7 speċi tal-għana, jidher li lanqas biss saret diskussjoni waqt il-laqgħa tal-bieraħ.

L-FKNK tinsab iddiżappuntata ħafna b’dawn ir-rakkomandazzjonijiet meta tara li l-ebda staġun ma qed jiġi rrakkomandat kif kienet ipproponiet, pero’ l-aktar bir-rakkommandazzjoni li ser issir biex il-Gvern jieħu parir minn għand il-Pulizija sabiex fl-aħħar ħmistax ta’ Settembru tieqaf il-kaċċa wara t-tlieta ta’ wara nofsinhar, kif sar fl-aħħar sentejn, kif ukoll li l-insib li ser jiġi rrakkomandat huwa kkundizjonat li l-gvern irrid japplika Deroga.

Ta’ Settembru wara nofsinhar mhux xi regolament tad-Direttiva tal-UE imma qed jerġa jiġi mitlub mill-BirdLife Malta sabiex ikunu jistgħu jiġu barranin fostna kemm milhekk imsejjaħ ‘Raptor Camp’ kif ukoll mill-partners tal-istess BirdLife il-‘CABS’, sabiex dawn ikunu jistgħu joqodu jilgħabuha ta’ spiji u pulizija fuq il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin u jkollhom il-liberta kollha biex jiġru fil-kampanja Maltija, privata u le.

Filwaqt li huwa veru li Malta applikat Deroga fl-2004 biex ippermettiet l-insib tal-gamiem, summien, pluvieri u imlivezz, dan magħmlitux fis-snin 2005 u 2006. Araw il-link: http://www.huntinginmalta.org.mt/uploads/24/614/Birds_Directive_Derogations_Reporting_Article_9.pdf. L-FKNK għanda ukoll tifhem li dan ma sarx lanqas għas-snin 2007 u 2008, peress li d-Direttiva ma tindikax b’liema metodu jistgħu jittieħdu mis-selvaġġ dawk l-ispeċi kaċċabli kif elenkati f’Anness II ta’ l-istess Direttiva, imma l-metodu li jkun permessibli, f’dan il-kaz l-insib bi xbik selettivi għax operati manwalment fejn jinqabdu numri żgħar u liema metodu qatt ma sparixa xi wieħed minn dawn l-ispeċi lokalment, jiddeċidieh l-Istat Membru tal-UE, jiġifieri l-gvern Malti f’dan il-kaz. Għaldaqstant, l-FKNK hija tal-opinjoni li din ir-rakkommandazzjoni tal-Kumitat Ornis m’għandiex tikkundizzjona l-gvern li japplika Deroga, pero’ tħalli tali deċiżjoni għall-istess gvern.

Lino Farrugia

Segretarju – FKNK

*Ingliż*

29th July 2009

**Hunting and Capturing Autumn/Winter Seasons**

Towards the end of last week the Federation for Hunting & Conservation – Malta (FKNK) received documented information from a Department within the Office of the Prime Minister which information could have led one to understand that government had no intention to open a finch capturing season from this October as had been proposed by the FKNK and as had been promised by the same government.

Therefore on the basis of these documents yesterday's scheduled Ornis Committee meeting would have been pointless, and so the FKNK representatives on the Committee had written to the Chairman of the Committee advising him that they would not be participating at the meeting where the Agenda was the recommendations to government of the hunting and capturing seasons for this autumn/winter.

FKNK's decision with this line of action has been proved correct since at yesterday's Committee meeting it appears that a discussion about this season was not even entered into and the next meeting has been scheduled for October 4th.

In the meantime the FKNK has already written to the Prime Minister voicing its concern and a meeting with the Opposition Leader is expected in the forthcoming days, where this same apprehension will also be discussed, because the FKNK knows that similar capturing practices are permitted in other EU Member States and therefore the Maltese trapper should not be treated as second class European citizen, also because the FKNK will still do its possible utmost to ensure that this passion which forms an integral part of the way of life of the Maltese trapper, this traditional Maltese socio-cultural practice that dates back centuries, is not lost from the Maltese islands.

At Committee meetings prior to yesterday's, the FKNK had proposed the following hunting and capturing seasons for this autumn/winter:

Hunting from land for the 32 *huntable* species from 1st September to 31st January, and that this season should be fixed in local legislation as is in other countries, besides being a requisite of the EU Directive 79/409/EEC known as the 'Birds', and also avoid similar annual discussions at Committee level.

Hunting at sea for the 12 duck and geese species from 1st October till the end of February.

Capturing of turtle doves and quails from 1st September to 31st October.

Capturing of golden plovers, lapwings, song thrushes, fieldfares, mistle thrushes, blackbirds, redwings and skylarks from 10th October to 31st January.

Capturing of seven finch species from 1st October to 31st January.

From information at the FKNK, yesterday's Ornis Committee meeting decided to recommend the following to the Prime Minister:

Hunting from land for the 32 huntable species, except for the turtle dove and the quail, from 1st September to 31st January, on the condition that government should seek the police advise on whether an afternoon hunting ban should again be imposed in the last fortnight of September. The ban was yet again put forward by the BirdLife Malta representatives on the Committee.

Hunting from land for turtle doves and quail from 1st September to 31st October, plus the same afternoon ban mentioned above.

Hunting at sea for the 12 species of duck and geese from 1st October to 31st January.

Capturing of the turtle dove and the quail from 1st September to 31st October on condition that government applies a Derogation from the 'Birds' Directive to permit this season.

Capturing of golden plovers and song thrushes from 10th October to 10th January, again on condition that government applies a Derogation.

It seems that the finch capturing issue was not even discussed at yesterday's Committee meeting.

The FKNK is very disappointed with these recommendations when it sees that not even a single season as proposed by the Federation will be recommended, however the FKNK is further upset with the recommendations of the afternoon ban and that the capturing that will be recommended is conditioned by the application of Derogations.

The September afternoons ban is not a requisite of EU legislation, and has only been proposed by BirdLife to accommodate foreigners from the so called 'Raptor Camp' and BirdLife partners CABS, so that these can come to Malta as spies and play policemen with Maltese hunters and trappers and be free to roam around Malta's countryside onto private owned land or otherwise.

Malta had applied a Derogation to permit capturing of the turtle dove, quail, song thrush and golden plover in 2004, however did not reapply similar Derogations in the years 2005 and 2006. The FKNK can thus presume that a similar position was taken for years 2007 and 2008, and believe this stand to be the correct measure to take since for *huntable* listed birds on Annex II of the Directive, it is up to the Member State to decide about the means and methods that can be used to take those species from the wild. In this instance the capturing by means of manual-operated and selective traditional clap nets for only the purpose of keeping the caught birds alive for their eventual use as call-birds, live-decoys, for their song and for some captive breeding, when the numbers caught are on a small scale, and which centuries-old practice has never caused the disappearance of any so targeted species locally. Therefore in the FKNK's opinion the Ornis Committee recommendation on this subject should be that government should decide if a derogation is to be applied or otherwise, and not condition the recommendation subject to the government applying a derogation.

Lino Farrugia

Secretary - FKNK